## Biex ma jintesew qatt...

# Tifkira ta' Anġlu u Feliċ Mizzi

## li mietu b'diżgrazzja tan-nar sittin sena ilu

Kitba ta' Neil Zammit

Fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-manifattura tan-nar f'Ħal Luqa kienet waħda attiva ħafna, tant li s-Soċjetà L-Unjoni kienet magħrufa sew għan-nar tal-art. Soċi tal-każin li għadhom mimlija bil-għomor jirrakkuntaw li f'dik il-ħabta, ta' tfal li kienu, kienu jmorru jiġbru l-ġelatina minn ġol-għelieqi biex jagħmlu xi *murtal* għall-festa. Bdew jiltaqgħu ġo xi razzett jew għorfa, fosthom ir-razzett ta' Toninu Camilleri (*tas-salv*). f'tal-*miċċieri* f'*Garnaw*, fid-dwejra *tal-ħawsla*, fir-razzett *ta' ġona* u fl-inħawi *tal-isqof* biswit iċ-ċimiterju tar-raħal.



*Anġlu Mizzi*

B'dan ix-xenarju fl-isfont, din is-sena imiss li nsellmu lil żewġ membri tas-Soċjetà *L-Unjoni*, Anġlu u Feliċ Mizzi, li ħallew ħajjithom għad-delizzju tal-piroteknika. Kien it-Tnejn 27 ta' Lulju tal-1953 meta minn bosta nħawi nstemgħet splużjoni għall-ħabta tas-7.30 ta' filgħaxija fir-razzett tal-*miċċieri* f'*Garnaw*. F'dak il-ħin, Anġlu ta' tnejn u għoxrin sena kien qed jikkarga xi serpentelli bil-potassa għall-festa ta' dik is-sena. Fir-razzett kien hemm ukoll ħuh Karmnu ta' ħamsa u għoxrin sena u zijuhom Feliċ Mizzi ta' sittin sena, b'dan tal-aħħar ġieli kien jagħtihom daqqa t'id f'dak li kien ikollhom bżonn. Dawk li kienu fil-viċinanzi għall-ewwel ħasbu li kienu qed jippruvaw xi ħaġa ġdida. Iżda ma kellux ikun hekk, għax ftit tal-ħin wara nstemgħet splużjoni akbar, tant li r-razzett kważi ġgarraf għalkollox.



*Feliċ Mizzi*

Minħabba li Karmnu ma kienx ħdejn Anġlu meta seħħet l-isplużjoni ġarrab xi ksur f'riġlejh minħabba li safa' mirdum taħt il-ġebel. Iżda Anġlu u Feliċ inqabdu ġewwa tant li sofrew ħruq u feriti oħra gravi. Wara ftit minuti waslet l-ambulanza

fuq il-post u ħadet lit-tliet persuni l-isptar għall-kura bit-tama li jeħilsuha minn ħalq il-mewt. Fil-fatt Karmnu kien ħelisha, u aktar tard reġa' kompla jaħdem in-nar, iżda Anġlu u Feliċ Mizzi mietu t-tnejn kawża tal-ħruq estensiv li ġarrbu. Il-poplu ta' Ħal Luqa waqa' f'luttu kbir u bħala sinjal ta' rispett, il-Banda *L'Unione* akkumpanjat liż-żewġ vittmi bid-daqq ta' marċi funebri waqt il-funeral tagħhom.

Illum, sittin sena wara, fid-dmir illi nagħtuhom tislima xierqa biex isimhom u għemilhom ma jintesa qatt.

**Referenzi**

Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, Publikazzjoni Annwali, 2011
Francis Galea, *Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni*, 2005.

Tal-Grazzja Bakery

*23rd April Street*
*Qormi*